# IS-SEHEM TA' L-ISTUDENT FL-IZVILUPP

minn J. Sammut

## I. L-IŻVILUPP ĠENERALI

Kieku kellna nagħmlu "survey" u nsaqsu x'inhu s-sehem ta' l-istudent fl-iżvilupp, jiena ċert li l-biċċa l-kbira mit-tweġibiet ikunu li l-istudent ma jikkontribwixxi xejn għax ma jaħdimx. Naħseb li taqblu miegħi li din hi ideja żbaljata ħafna. Mhux biss żbaljata imma wkoll ta' ħsara għall-iżvilupp innifsu u intom fid-dmir bħala studenti li tikkumbattu dan l-iżball fl-interess tagħkom u tal-pajjiż.

Biex inkunu ċerti fuq hiex qegħdin nitkellmu bi ħsiebni nibda ngħid xi ħaġa fuq l-iżvilupp: x'nifhmu bi żvilupp, x'jinvolvi, x'għandu jsir biex jitħaffef u x'parti għandu f'dan kollu l-istudent.

Mhinix sejjer nesponi xi teorija partikolari iżda l-iskop tiegħi hu li bil-ftit ħsibijiet li sejjer inpoġġi quddiemkom nipprova nistimula il-fantasija tagħkom bix-xewqa li dan iwassal ħalli tużaw il-ħażna kbira ta' enerġija u idejat tagħkom b'ċertu entużjażmu u kreattività, kwalitajiet li jikkaratterizżaw il-popli ta' dawk il-pajjiżi li għamlu l-akbar isem fl-istorja ta' l-iżvilupp tal-bniedem.

### X'NIFHMU BI ŻVILUPP

Bosta drabi meta nsemmu żvilupp nillimitaw ruħna għall-iżvilupp ekonomiku biss. Jista' jkun li r-raġuni għall-dan ġejja mill-importanza li kiseb dan is-suġġett minn wara It-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn.

Fil-fatt, l-iżvilupp nazzjonali iħaddan progress f'bosta oqsma barra dak ekonomiku, bħal ngħidu aħna, żvilupp soċjali, politiku, kulturali, legali u amministrattiv. Dawn il-bosta oqsma ta' żvilupp jagħtu lill-pajjiż identità nazzjonali u kollha huma b'mod jew ieħor marbuta ma' xulxin. Ma għandniex xi ngħidu l-iżvilupp ekonomiku hu ta' importanza kbira. Hu għandu relazzjoni diretta u jwassal għall-żvilupp f'bosta oqsma oħra tas-soċjetà. Aħna jkollna hawn nittrattaw is-suġġett b'riferenza speċjali għall-iżvilupp ekonomiku li hu l-aktar fattur konkret u li fuqu jien nista' nitkellem bi ftit aktar kunfidenza.

L-iżvilupp ekonomiku hu l-*proċess* li bih il-produzzjoni u l-ġid

fil-pajjiż jikbru b'rata kontinwa. L-għan ewlieni hu li l-ġid li jġib miegħu l-iżvilupp jitqassam b'mod ġust biex jogħla l-livell ta' għejxien tal-poplu kollu, jinqered il-mard, titwal il-ħajja, jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' saħħa, djar u tagħlim. L-iżvilupp jagħti lill-bniedem kontroll akbar fuq in-natura, għażla akbar u aħjar ta' kif jgħix u sigurtà akbar.

Dan kollu hu r-raġuni għaliex kull pajjiż irid li jkabbar l-iżvilupp tiegħu. Illum anki l-aktar soċjetà primittiva għandha għatx kbir għall-iżvilupp għaliex bit-titjib kbir li sar fil-mezzi ta' kommunikazzjoni id-dinja saret bħall-pajjiż wieħed u dawk li jgħixu f'pajjiż wieħed u dawk li jgħixu f'pajjiżi fqar jafu li l-ħajja tista' tkun ferm aħjar minn tagħhom. Għalhekk dan inissel fihom xewqa u aspirazzjonijiet kbar li jiżviluppaw.

X'HEMM BZONN GHALL-IŻVILUPP

Il-prim attur ta' l-iżvilupp hu l-bniedem. Biex jitwettaq l-iżvilupp hemm bżonn ta' bidla radikali f'pajjiż fqir. Hemm bżonn ta' xejriet u ideat ġodda u ta' bidla fl-attitudni tal-poplu. Hemm bżonn ukoll li kull wieħed ikun motivat li jagħmel l-aħhar użu mir-riżorsi limitati tal-pajjiż biex jikseb l-aħjar riżultat.

Biex jikber il-ġid fil-pajjiż hemm bżonn li tikber il-produzzjoni. Dan jinħtieġ investiment qawwi. L-investiment materjali hemm bżonnu biex tinbena u tissaħħaħ l-infrastruttura ekonomika, bħal bini ta' portijiet, toroq, provvista ta' ilma u dawl, kommunikazzjonijiet u xogħol ieħor. Hemm bżonn ukoll investiment f'oqsma li jagħtu produzzjoni diretta, bħal fabbriki, magni, lukandi, makkinarju għal biedja u vapuri tas-sajd. Dan kollu hu investiment f'kapital fiżiku jew materjali.

Dan l-investiment la jista' jsir u l-anqas jagħti produzzjoni mingħajr nies imħarrġa f'kull qasam tal-produzzjoni u amministrazzjoni. Għalhekk minbarra investiment materjali qabel xejn jinħtieġ investiment fil-bniedem jew aħjar investiment fir-riżorsi umani. Il-lum kulħadd jaqbel li l-investiment fil-bniedem hu ta' l-akbar ħtieġa għall-iżvilupp.

L-IMPORTANZA TA' L-EDUKAZZJONI

Kif diġà għidt l-iżvilupp hu proċess li jinvolvi l-individwi kollha fis-soċjetà. Fil-pajjiż hemm min qed jipproduċi u b'hekk jgħin b'mod dirett l-iżvilupp, u hemm oħrajn li qegħdin jitħejjew biex aktar 'il quddiem ikabbru dan il-proċess ta' żvilupp. Fil-fatt il-proċess ta' żvilupp hu wieħed kontinwu u kemm min qed jipproduċi kif ukoll min qiegħed jiġi ppreparat u mħarreġ, għalkemm mhux atti-

vament fuq xogħol li jirrendi qliegħ, jifformaw kollha parti ntegrali mill-proċess dinamiku ta' l-iżvilupp. Min għadu mhux jipproduċi qiegħed jitħarreġ biex għada jkun jista' jagħti sehem dirett għat-tkabbir tal-qliegħ.

Biex ċittadin jagħti sehem għall-iżvilupp jinħtieġ preparazzjoni tajba u dan jitlob sistema ta' edukazzjoni addattata. Din is-sistema trid tgħallem suġġetti bażiċi biex kulħadd ikollu aċċess għall-ħażna ta' għerf li nġabar matul iż-żmien, biex wieħed jitħarreġ fil-ħsieb, titqanqal il-kurżità għat-tagħlim u nteress tul-ħajja, u biex wieħed jaqbad aktar malajr it-taħriġ. Dan hu l-ewwel pass: warajh jiġi taħriġ dirett f'sengħa jew professjoni li jista' jwassal għall-tagħlim u taħriġ aktar avanzat.

Illum kull bniedem attiv, sew jekk għadu l-iskola u sew jekk jaħdem, huwa student. Fid-dinja moderna s-sistema tal-ħajja qiegħda tinbidel kontinwament u l-bniedem ma jistax jintrabat ma' sistema ta' edukazzjoni statika. Għalhekk nibtet l-ideja ta' "lifelong education". Dan hu konċett vast ta' proċess ta' edukazzjoni kontinwa tul il-ħajja kollha tal-bniedem biex tiġi żviluppata l-potenzjalità ta' kull individwu u b'hekk jintlaħqu l-ħtiġijet tal-ħajja li kontinwament qiegħda tinbidel.

## II. L-ISTUDENT F'MALTA

S'issa ttrattajna s-suġġett b'mod ġenerali. Issa ngħaddu biex naraw is-sehem ta' l-istudent Malti fl-iżvilupp ta' pajjiżna.

Bħalissa Malta għaddejja minn fażi mportanti fl-iżvilupp nazzjonali. Kellna bdil kostituzzjonali. Fl-opinjoni ta' bosta għandna bidu ta' qawmien kulturali ġdid. Qiegħda ssir bidla strutturali fis-soċjetà u fid-drawwiet tagħna. Dan it-tibdil kollu qiegħed isir b'mod evoluzjonarju. Biex dan it-tibdil jissaħħaħ u jdaħħalna f'fażi ġdida hemm bżonn ta' bidla strutturali ekonomika u l-gvern fassal pjan li jfisser l-għanijiet ta' l-iżvilupp u l-mezzi li bihom għandna nilħqu dawn l-għanijiet.

Kif jista' l-istudent Malti jagħti sehem akbar biex nilħqu l-għanijiet ta' l-iżvilupp ta' pajjiżna? Jien sejjer insemmi dett modi:

(a) l-atteġjament ta' l-istudent lejn l-edukazzjoni;
(b) il-preparazzjoni ta' l-istudent għall-ħajja tax-xogħol; u
(c) il-motivazzjoni ta' l-istudent.

### (a) L-ISTUDENT U S-SISTEMA TA' L-EDUKAZZJONI

Fl-interess ta' l-iżvilupp hemm bżonn li l-istudent jifhem aħjar il-bidla meħtieġa fis-sistema ta' l-edukazzjoni u jaddatta ruħu għaliha.

Sa ftit ilu l-għan basiku tas-sistema ta' l-edukazzjoni tagħna mill-iskola primarja sa l-Università kien skond il-ħsieb tradizzjonali li l-ħajja tal-bniedem hija maqsuma fi tnejn:

(i) perijodu ta' preparazzjoni u taħriġ; u wara
(ii) perijodu ta' attivita diretta jew xogħol.

Skond din is-sistema kif student kien itemm l-ewwel perijodu kien jakkwista ċertifikat, diploma, grad, jew igħaddi minn eżami li jimmarka t-tmiem tat-tagħlim u l-bidu tal-ħajja tax-xogħol. Taħt dik is-sistema l-istudent kien bilfors irid jitgħallem kważi dak kollu li seta' jkollu bżonn tul ħajtu kollha. B'hekk l-edukazzjoni kienet maħsuba li ddeffes f'ras l-istudent l-akbar għadd possibli ta' fatti li wieħed ried jiftakar tul ħajtu.

Billi llum hemm il-bżonn li l-bniedem għandu jibqa' jitgħallem tul ħajtu kollha, is-sistema ta' l-edukazzjoni nbidlet u jinħtieġ li l-istudent jaddatta ruħu għal din is-sistema. Issa l-edukazzjoni tkompli wara l-ħajja akkademika meta l-ħaddiem jakkwista motivazzjoni għal studju aktar avanzat u taħriġ aktar.

Ma hemmx bżonn aktar li ngħabbu moħħ l-istudent b'ħafna fatti, iżda l-edukazzjoni formali għandha isservi bħala preludju biex wieħed jitgħallem jesprimi ruħu u jgħix u jaħdem f'soċjetà. L-emfasi prinċipali għandu jkun fuq l-espressjoni, żvilupp ta' fakultajiet mentali, konċentrazzjoni u osservazzjoni. Wieħed għandu jitħarreġ dwar fejn u kif għandu jfittex informazzjoni u jakkwista l-ħila li jaħdem flimkien ma' oħrajn.

L-istudent hemm bżonn jifhem li kull fażi tul il-ħajja tal-bniedem toffri ċerti esperjenzi partikolari u għalhekk kull perijodu tal-ħajja għandu jitgawda. Waqt il-perijodu ta' studju iż-żagħżugħ ma għandux iqis lilu nnifsu bħala skjav ta' l-istudju iżda irid jagħmel mill-aħjar biex jieħu sodisfazzjoni mill-istudju u t-tagħlim.

Huwa veru li biex wieħed jakkwista mpieg jew kwalifika irid jgħaddi minn eżami iżda l-istudent irid jiftakar li l-akkwist ta' mpieg ma għandux ifisser it-tmiem tal-karriera ta' studju iżda l-bidu ta' fażi ġdida ta' tagħlim.

### Atteġġjament xjentifiku

L-iżvilupp jeħtieġ li l-bniedem jaddotta atteġġjament xjentifiku. Għalhekk hemm bżonn li l-istudent jaddotta din is-sistema jekk irid ikollu suċċess fil-karriera u jagħmel l-akbar kontribuzzjoni għall-iżvilupp.

Xi tfisser atteġġjament xjentifiku? Fi ftit kliem dan jikkonsisti fi spirtu ta' avventura li wieħed jipprova jiskopri l-ġdid u s-sewwa

u li ma jaċċetta xejn bħala fatt. Bniedem xjentifiku jrid ifittex għalih innifsu u qatt ma jasal għal konklużjoni jekk qabel ma jivverifikax il-fatti.

S'issa s-sistema ta' edukazzjoni tagħna kienet bażata fuq ħafna veritajiet li ma nistgħux nikkwestjonawhom. Hafna minna dejjem fittxew is-sigurtà assoluta f'kollox: nibżgħu li niżbaljaw, nibżgħu nistaqsu, ma nissograw xejn u nevadu problemi fundamentali. Darrewna nsibu l-provi lesti u dejjem inġibu ruħna skond l-opinjoni aċċettata.

Jekk l-istudent irid jgħin l-iżvilupp hemm bżonn li nbiddlu din il-mentalità. Hemm bżonn nifhmu li l-konvinzjonijiet, ideoloġiji, u drawwiet mhumiex regoli fissi u universali, applikabbli għal kull sitwazzjoni u żmien. Hemm bżonn nifhmu li kull sitwazzjoni u fehma huma relattivi għall-isfond ġenerali u partikulari tagħhom.

L-iżvilupp ta' pajjiżna għandu jiddependi ħafna fuq kemm l-istudenti jirnexxielhom jakkwistaw dan l-ispirtu ta' avventura, ta' riċerka u ta' sfida ntelletwali. Hemm bżonn li nakkwistaw din il-fakultà mentali, din l-attitudni għall-ħajja u għall-verità.

(b) L-ISTUDENT U X-XOGHOL

Htieġa oħra ta' l-iżvilupp hija rabta mill-qrib bejn setturi diversi (bħal tekniċi, politiċi, kulturali, industrijali, kummerċjali u oħrajn) u s-sistema ta' l-edukazzjoni. Dan hemm bżonnu biex l-edukazzjoni ssir veru strument għat-titjib fil-ħajja soċjali u taħriġ tal-ħaddiema biex ikunu jistgħu jaqdu aħjar dmirijiethom u r-responsabbiltà tagħhom b'suċċess.

L-istudent jista' jagħti sehmu wkoll biex tissaħħaħ din ir-rabta bejn id-diversi setturi ta' l-ekonomija u s-sistema ta' l-edukazzjoni. U dan hu aspett li jolqot lill-istudent aktar mill-qrib għax għandu x'jaqsam mal-impieg tiegħu.

Il-lum l-edukazzjoni, u b'mod partikulari l-edukazzjoni għolja, ma għadhiex il-monopolju tal-ftit. Aktar ma jgħaddi ż-żmien l-opportunità għall-edukazzjoni għolja aktar tiżdied. Dan iġib miegħu l-ħtieġa ta' bilanċ bejn il-bżonn tal-pajjiż għall-ħaddiema mħarrġa u speċjalizzati u n-numru ta' żgħażagħ b'edukazzjoni avanzata u taħriġ speċjalizzat.

Li jinżamm dan il-bilanċ mhux xi ħaġa faċli, l-aktar meta fl-ekonomija tal-pajjiż u fis-sistema ta' l-edukazzjoni tkun qed issir bidla strutturali. F'ħafna każi in-nuqqas ta' bilanċ iġib miegħu ħala ta' riżorsi, frustrazzjoni fost iż-żgħażagħ u telf għal pajjiż.

Hu d-dmir ta' l-Istat li jiżgura li s-sistema ta' l-edukazzjoni tkun orjentata għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-pajjiż. Din hi

aktar faċli li tgħidha milli li twettaqha għax kull bidla tqanqal bosta diffikultajiet u ġġib magħha ċerta reżistenza. Hemm ukoll diffikultà li wieħed jantiċipa b'ċertezza il-ħtiġijiet ta' ħaddiema b'ċerti kwalifiki speċjalizzati f'soċjetà dinamika, meta l-bidla fl-ekonomija hija mgħaġġla.

Is-sistema tradizzjonali ta' edukazzjoni bilfors toħloq diskrepanza bejn l-opportunità għax-xogħol u x-xewqa ta' x'impiegi partikolari li jeżistu biss f'moħħ l-istudent. Minn naħa l-oħra bidla fis-sistema ta' l-edukazzjoni waħidha la sejra tirrimedja l-iżbilanċ bejn ix-xewqa ta' l-istudent u l-opportunità ta' xogħol, u l-anqas ma sejra żżid in-numru ta' mpiegi li hemm bżonn. Li rridu niżguraw hu li ma jkollniex żgħażagħ li qegħdin jistudjaw jew jitħarrġu bla ebda prospett ta' xogħol jew li jekk isibu jaħdmu, ikollhom jimlew impiegi bil-wisq inferjuri għall-kwalifiki u taħriġ li jkunu kisbu.

Ma rridux nitqarrqu jew niġu skoraġġiti mill-fatt li xi gradwati ma jsibux mill-ewwel l-impieg partikolari li jixtiequ. In-nuqqas ta' xogħol għal gradwati jista' jkun ta' natura temporanja u jolqot biss il-gradwati żgħażagħ matul l-ewwel snin tal-ħajja tax-xogħol tagħhom. Id-domanda ta' min iħaddem tista' tkun riġida u ma tirispondix mill-ewwel u awtomatikament għan-numru ta' gradwati li jfittxu x-xogħol.

X'inhu s-sehem ta' l-istudent f'dan kollu?

L-ewwel, kull żgħażugħ għandu jifhem li f'soċjetà moderna l-fatt li wieħed imur l-Università ma għadux aktar garanzija ta' mpieg bi ħlas għoli u ta' status soċjali partikolari. Aktar ma l-ekonomija timxi 'l quddiem u jikber l-iżvilupp, impiegi għolja u status soċjali jkunu aktar jiddependu mhux fuq kemm mort skola biss iżda fuq kemm tikkontribwixxi fuq ix-xogħol u fil-ħajja in ġenerali.

Wieħed li jirċievi edukazzjoni għolja ma għandux jippretendi li kif jiggradwa kull "employer" lest biex itih karigi għolja. Fil-fatt nafu li l-"employers" ma tantx timpressjonhom fl-ittri wara ismek iżda b'kemm tista' tgħinhom biex iżidu l-profitti. Hafna korsijiet ta' studju ma jagħtux ħlief potenzjali biex wara li wieħed jibda jaħdem ikun jista' jipprattika b'aktar effiċjenza. Iżda dan ma jiddependix biss fuq kemm wieħed ikun studja, iżda fuq it-tip ta' edukazzjoni li jkun irċieva flimkien ma' fatturi oħra li nsemmu aktar tard.

Mingħajr ma nnaqqas ir-responsabbiltà ta' l-Istat u tal-awtoritajiet tal-edukazzjoni, rrid ngħid li l-istudent innifsu jista' jagħti sehemu sew u jieħu bosta inizjattivi.

(i) Meta jasal biex jagħżel il-karriera tiegħu, żgħażugħ għandu

jfittex il-parir ta' nies infurmati.

(ii) L-istudenti ma għandhomx jistennew li jiggradwaw biex jibdew ifittxu x-xogħol u jieħdu nteress f'attivitajiet soċjali, kulturali, ċiviċi u f'oqsma oħra. B'hekk jibdew minn kmieni b'interess fil-ħajja tal-pajjiż li sservihom ta' ntroduzzjoni għall-ħajja taxxogħol.

(iii) Waħda mid-diffikultajiet li toħloq żbilanċ bejn iż-żgħażagħ li qegħdin ifittxu x-xogħol u n-numru ta' impiegi ġejja minn nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-"employers". Hemm bżonn ta' "feedback" bejn is-sistema tal-edukazzjoni u l-kumplament ta' l-ekonomija. Hawn l-istudent jista' jgħin biex jimtela' vojt kbir. L-istudenti għandhom jistabilixxu kuntatt dirett ma' setturi ndustrijali u kummerċjali billi jorganiżżaw visiti lill-fabbriki, "seminars", u "surveys" biex jittestjaw l-intenzjonijiet tal-"employers" u d-domanda għall-ħaddiema speċjalizzati. L-"employers" jistgħu aktar ikunu liberi u anqas suspettużi li jitkellmu dwar il-prospetti ta' impiegi ma' studenti milli ma' uffiċjali tal-Gvern.

(iv) Il-gradwat ġdid għandu jifhem li kif jibda jaħdem ikun għadu sejjer jibda l-apprendistat tiegħu. Jekk għjaraf il-ħila u l-limitazzjonijiet tiegħu jsibha aktar faċli li jimpjega ruħu u jagħti prova ta' x'jiswa pass pass ma' kif jakkwista esperjenza prattika.

(c) L-IZVILUPP U L-IMPORTANZA TAL-MOTIVAZZJONI BIEX WIEHED JIRNEXXI

L-istudent jista' jagħti sehem akbar għall-iżvilupp b'mod ieħor.

L-iżvilupp jinħtieġ valuri u attitudni ġodda u organiżżazzjoni soċjali ġdida. Hemm bżonn dispożizzjoni li naċċettaw idejat u metodi ġodda. Għandna nkunu lesti li nesprimu l-opinjoni tagħna bla tlaqlieq. Għandu jkollna aktar interess fil-preżent u fil-futur milli fil-passat. Hemm bżonn li jkollna sens ta' puntwalità akbar u aktar nteress f'organiżżazzjoni u effiċjenza. Hemm bżonn ta' twemmin fil-qawwa tax-xjenza u t-teknoloġija u l-ħtieġa ta' distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid.

X'jimmotiva lill-bniedem biex jakkwista dawn il-valuri? Kieku kellna nattribwixxu dawn il-kwalitajiet għall-motiv wieħed konna ngħidu li s-suċċess fl-iżvilupp ġej mix-xewqa fil-bniedem li jirnexxi fil-ħajja.

Is-suċċess fil-ħajja jiddependi fuq bosta fatturi, bħall-edukazzjoni, intelliġenza, talent, opportunità u fortuna, iżda dawn il-fatturi kollha għandhom inqas importanza mir-rieda qawwija u d-de-

terminazzjoni tal-individwu li jimexxi. Hemm min jirreferi għal dan il-fattur bħala "D-factor" (drive, doggedness, determination) jew "Achievement Motivation". Aħna l-Maltin nsejħulu ambizzjoni.

Hemm xhieda storika li fejn dan il-fattur fil-popolazzjoni naqas, is-soċjetà stagnat u falliet, fil-waqt li l-pajjiżi bl-akbar rata ta' żvilupp huma dawk fejn il-ħaddiem u kull ċittadin għandhom l-akbar determinazzjoni li jimexxu billi jieħdu inizjattiva, jkunu dejjem lesti li jaħtfu l-opportunità, u jħossu sodisfazzjon kbir li jaqdu dmirhom bl-akbar effiċjenza.

L-iżvilupp ta' pajjiżna jiddependi fuq ir-rieda ta'kull ċittadin li jimexxi u jikseb suċċess. Hawnhekk l-iżvilupp joffri sfida lill-istudent. Fost l-istudenti għandna nsibu l-mexxejja ta' għada f'bosta oqsma mportanti tas-soċjetà. Rajna li s-suċċess fil-ħajja jiddependi aktar mir-rieda ta' l-individwu milli minn kemm wieħed dam jattendi l-iskola. Jekk kull student jifhem u jagħti mportanza lill-motiv li wieħed jimexxi, nistgħu nkunu konfidenti li l-futur ta' pajjiżna hu tassew sabiħ; ma jkollniex dubbju li l-ħajja ta' kull wieħed minna tkun ta' sodisfazzjon, u li nilħqu l-għanijiet tal-iżvilupp tagħna fl-iqsar żmien possibli.